# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru 23**

**Cit. Nru. 135/00 GCD**

**Wands Limited**

**Vs**

**Reef Bar Company Limited u David Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ippremettiet:

Illi l-konvenuti, jew xi hadd minnhom, xtraw diversi prodotti "on credit" mid-ditta attrici u dan ghall-uzu minnhom fir-Reef Bar, u hallsu ghal dawn il-prodotti minn zmien ghal zmien;

Illi l-konvenuti ghad fadlilhom ihallsu lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,124.25 bilanc fuq il-prezz ta' bejgh ta' xorb u prodotti ohra lilhom mibjugha u konsenjati; u

Illi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jgibu ghat-talba ghall-hlas;

Talbet illi, previa d-dispensa tas-smigh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur (Dok. A) u ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lid-ditta attrici s-somma ta’ Lm1,124.25 (elf, mija u erbgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti l-bilanc fuq prezz ta’ diversi prodotti u xorb iehor lilhom mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Interpellatorja tat-3 ta’ Lulju, 1998, u bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Frar, 1997, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm